TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1621

KAZ NRU. 2168

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Charles Camilleri

u

Kalaxlokk Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 18 ta' Lulju 2005

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Membri : Is-Sur Anthony Busuttil
Is-Sur Michael Mallia

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Nota prezentata fil-Qorti Superjuri fil-11 ta' Frar 2004 skond il-provvedimenti tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 10 seduti.

Charles Camilleri, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Marvic DeBarro u Kalaxlokk Co. Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sinjuri Harold Walls u Edwin Mamo assistiti mill-Avukati Joseph Caruana Scicluna u Sharon Fenech.

L-appellant qal li kien gie mkecci ngustament ghaliex, ghalkemm kien wegga' fuq xoghol tal-Kumpanija, din baghtitu jahdem ma' kuntrattur li tah xoghol fuq truck antik u difettuz li kien difficli li joperah. Meta talab il-kuntrattur biex possibbilment itih vettura fi stat ahjar imhabba sahhtu, dan baghtu lura l-Kumpanija. Meta mar lura u spjega x'kien gara ntalab igib certifikat ta' dak li kien ibati bih. Ghalkemm sostna li l-Kumpanija kellha c-certifikati ta' l-ispecjalista dwar dan, l-ufficjal tal-Kumpanija qallu li c-Chairman ordna li ghandu jgib certifakat mill-gdid. Meta ghamel dan gie imkecci mill-Kumpanija li tat bhala raguni l-Artiklu 131 tal-Ftehim Kollettiv.

Il-Kumpanija kkontendiet li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet gustifikata ghax saret skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 131 tal-Ftehim Kollettiv. Dan jghid li fejn ikun gie sottomess certifikat mediku ffirmat minn tabib wiehed li jindika li l-istat ta' sahha ta' haddiem hi nkopatibbli ma xogholu u dan ma jkunx ikkontestat, la mill-Kumpanija u anqas mill-haddiem, is-sehh terminazzjoni ta' l-impieg awtomatikament.
Jghid ukoll li f'kaz bhal dan ma jkunx japplika l-Artiklu 130 tal-Ftehim Kollettiv li jipprovdi biex haddiem jigi referit quddiem Bord Mediku.

M'hemmx dubju li l-appellant ipproduca certifikat li kien jindika li ma setghax jaghmel certu xoghol, li dan kien iffirmat minn tabib wiehed u li ma kienx ikkontestat. Skond il-Ftehim Kollettiv il-Kumpanija, f'cirkostanzi normali, kellha d-dritt tapplika l-Artiklu 131 u t-temm l-impieg ta' l-appellant. Izda it-tkeccija ma saretx f'cirkostanzi normali.

L-appellant kien wegga' fuq xoghol tal-Kumpanija u kien ipproduca certifikati minn specjalista li minhabba tali korriment kien hemm certi limitazzjonijiet fix-xoghol li jista' jaghmel. L-Artiklu 137 tal-Ftehim Kollettiv jghid li ebda haddiem m'hu ser jithalla jaghmel "light duties" u li kull haddiem irid ikun jista' jaqdi d-doveri kollha tal-grad tieghu. Minhabba dawn ic-certifikati l-Kumpanija, kieku riedet, setghet ressqet l-appellant quddiem il-Bord Mediku bl-iskop li l-impieg tieghu jigi terminat. Izda ma ghamlitx hekk.

Mix-xhieda jirrizulta li l-appellant kien qed jahdem fl-Industrial Zone Cleaning u hemm kien jaghmel id-doveri kollha rikjesti minnu. F'Jannar tal-2004 intbaghat jahdem ma kuntrattur ghaliex, skond il-Kumpanija, ix-xoghol li kien qed jaghmel kien f'riskju li jintilef. Hemmhekk gie imqabbad jahdem fuq vettura difettuza u meta talab li jinata vettura f'kundizzjoni ahjar intbaghat lura.

Hemm nuqqas ta' qbil x'gara meta mar lura. L-appellant jghid li kien hemm insistenza mill-Kumpanija li ghandu jgib certifikat mediku ghalkemm hu sostna li l-Kumpanija diga kellha c-certifikati kollha relevanti. Il-Kumpanija tghid li l-appellant ipproduca c-certifikat minn rajh – fi kjliem il-Kumpanija " di sua spontanea volonta ". Il-persuna li seta' jikkonferma x'gara sewwa, Mario Borg tal-Personnel Section, xejn ma kien car fix-xhiedha tieghu tant li anke l-Kumpanija fis-sottomissjonijiet finali ammettiet li " kien pjuttost imfixkel fix-xhieda tieghu". Fil-fatt wara hafna tlaqlieq wasal biex jghid li c-certifikat ntalab bhala procedura. It-Tribunal jidirlu li l-verzjoni ta' l-appellant hija aktar kredibbli.

It-Tribunal ikkonsidra li l-Kumpanija kellha l-possibbilta li tuza mod aktar korrett jekk deherilha li kien hemm kaz ghat terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant. Anke qabel ma ntbaghat mal-kuntrattur setghet applikat l-Artiklu 137 (l-appellant ma kienx f'pozizzjoni li jaqdi d-dmirijiet kollha tal-grad tieghu) u l-Artiklu 130 (referenza lill-Bord Mediku).

It-Tribunal ihoss li l-appellant ma giex trattat b'gustizzja mill-Kumpanija. Kien wegga' fuq xoghol tal-Kumpanija, kien qed jaqdi d-doveri kollha rikjesti fl-Industrial Zone Cleaning u kien xieraq li jithalla hemmhekk sa kemm jibqa dan ix-xoghol. Ma kienx hemm il-htiega li jintbaghat mal-Kuntrattur waqt li baqa' dan ix-xoghol. Meta ntbaghat lura ghax talab li jahdem f'kundizzjonijiet decenti (ma giex michud dak li xhed l-appellant dwar il-kundizzjoni hazina u perikuluza tat-truck li rieduh jahdem bih) il-Kumpanija ma ghamlet ebda sforz biex tivverifika jekk kienx hemm gustifikazzjoni ghat-talba li ghamel l-appellant. Minflok kien hemm insistenza li ghandu jgib certifikat gdid, ghalkemm il-Kumpanija kella c-certifikati relevanti, biex imbaghad, meta gabu, dan intuza kontra tieghu biex jitkecca taht il provvedimenti ta' l-Artiklu 131 tal-Ftehim Kollettiv.

It-Tribunal ma jistghax jaccetta li kumpanija taghmel manuvra biex tkecci haddiem billi tinsisti li jgib certifikat li ma kienx mehtieg u tuza dan biex tkeccieh. Ghalhekk jiddeciedi li t-tkeccija ma saritx ghal raguni gusta u sufficienti skond il-ligi. Jordna li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens ta' Lm 1,500 (elf u hames mitt lira) lill-appellant mhux aktar tard mit- 31 ta' Awissu 2005.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jittratta dan il-kaz fiz-zmien stabbilit mill-ligi minhabba limitazzjoniji ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghal finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta'Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Anthony Busuttil
Membru

Michael Mallia
Membru

Mary Rose Galea
Segretarja